



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 8/26

Il-Lussemburgu, 27 ta' Jannar 2026

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-271/23 | Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Riklassifikazzjoni tal-Kannabis)

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu: billi vvotat kontra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill dwar ir-riklassifikazzjoni tal-kannabis, l-Ungerija kisret id-dritt tal-Unjoni

L-Ungerija, li ma tistax tinvoka l-illegalità ta' din il-pożizzjoni komuni, kisret il-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni f'dan il-qasam, kif ukoll il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali

F'Novembru 2020, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adottat deċiżjoni ¹ dwar il-pożizzjoni komuni li għandhom jieħdu l-Istati Membri f'isem l-Unjoni Ewropea fis-sessjoni li kien jmiss tal-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drogi Narkotiċi ². L-iskop ta' dik il-pożizzjoni komuni kien, b'mod partikolari, li temenda l-klassifikazzjoni tal-kannabis u tas-sustanzi relatati fil-konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drogi narkotiċi u s-sustanzi psikotropiċi, wara Rakkomandazzjoni mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). Matul votazzjoni dwar dawn ir-rakkomandazzjonijiet, ir-rappreżentant tal-Ungerija mhux biss ivvota b'mod li kiser il-pożizzjoni komuni adottata mill-Kunsill, iżda għamel ukoll dikjarazzjoni li kienet tikkontradixxi dik il-pożizzjoni komuni.

B'reazzjoni għal din is-sitwazzjoni, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra l-Ungerija. Skont il-Kummissjoni, l-Ungerija kisret il-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni, id-deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni komuni u l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali. Fid-difiża tagħha, l-Ungerija argumentat prinċipalment li d-deċiżjoni tal-Kunsill kienet illegali.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni favur il-Kummissjoni u ssib li l-Ungerija naqset milli tosserva l-obbligi tagħha skont id-dritt tal-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li d-Deċiżjoni Qafas ³ tal-Kunsill dwar it-Traffikar tad-Droga tiddefinixxi l-kunċett ta' "droga" billi tirreferi għall-imsemmija konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti ⁴. **Madankollu, id-deċiżjonijiet li jemendaw il-klassifikazzjoni ta' sustanzi li jinsabu f'dawn il-konvenzjonijiet** jistgħu jkollhom impatt fuq l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet previsti minn din id-deċiżjoni qafas, b'tali mod li jistgħu jaffettwaw u jbiddu direttament id-dritt tal-Unjoni. L-adozzjoni ta' pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Istati Membri f'isem l-Unjoni fir-rigward ta' tali deċiżjonijiet **taqa' għalhekk taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni ⁵, kompetenza li l-Ungerija kisret f'dan il-każ meta aġixxiet kif għamlet**. B'dan il-mod, dan l-Istat Membru kiser ukoll id-deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni komuni li kienet ġiet adottata fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' din il-kompetenza esklużiva.

Skont il-prinċipju tal-kooperazzjoni leali ⁶, l-Istati Membri huma meħtieġa jiffaċilitaw il-kisba tal-kompiti tal-Unjoni u għandhom jastjenu minn kwalunkwe miżura li tista' tpoġġi f'perikolu l-kisba ta' għanijiet komuni. F'dan il-każ, **billi vvotat f'organu internazzjonali kontra pożizzjoni komuni tal-Kunsill, l-Ungerija marret kontra dan il-prinċipju, kif ukoll il-prinċipju ta' unità fir-rappreżentanza internazzjonali tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha**. Fil-fatt, billi tbiegħdet mill-istrateġija komuni żviluppata fil-Kunsill, hija naqqset is-setgħa tan-negozjar tal-Unjoni fir-rigward tal-partijiet l-oħra tal-konvenzjoni.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tippreċiża li, **fil-kuntest ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, Stat Membru ma jistax**

validament jinvoka l-illegalità ta' att ta' istituzzjoni, ta' korp jew ta' organu tal-Unjoni, ikun x'jkun. Fil-fatt, dan ikun ifisser li qed jiġi permess lil Stat Membru "jieħu l-liġi f'idejha stess" billi l-ewwel jikser id-dritt tal-Unjoni u mbagħad jistenna lill-Kummissjoni tiftaħ proċeduri kontrih fil-kuntest ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, fatt li jmur kontra l-prinċipju ta' stat tad-dritt kif ukoll id-dmirijiet ta' solidarjetà aċċettati mill-Istati Membri u li huma parti mill-fundamenti essenzjali tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. Is-sitwazzjoni tkun differenti biss jekk l-Istat Membru kkonċernat jikkontesta att li jkun **affettwat minn difetti partikolarment gravi u evidenti, sal-punt li jkun jista' jiġi kklassifikat bħala att ineżistenti**.

NOTA: Il-Kummissjoni jew Stat Membru jistgħu jippreżentaw rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, dirett kontra Stat Membru ieħor li jkun naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dritt tal-Unjoni. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, l-Istat Membru kkonċernat ikollu jikkonforma ruħu mas-sentenza fl-iqsar żmien possibbli.

Meta l-Kummissjoni tqis li l-Istat Membru ma jkunx ikkonforma ruħu mas-sentenza, hija tista' tippreżenta rikors ġdid li bih titlob sanzjonijiet pekunjarji. Madankollu, fil-każ li ma jiġux ikkomunikati l-miżuri ta' traspożizzjoni ta' direttiva lill-Kummissjoni, fuq proposta ta' din tal-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' timponi sanzjonijiet sa mill-ewwel sentenza.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ [Deċiżjoni tal-Kunsill \(UE\) 2021/3](#) tat-23 ta' Novembru 2020 dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fit-tlieta u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, li ser terġa' titlaqqa', dwar l-iskedar tal-kannabis u s-sustanzi relatati mal-kannabis taħt il-Konvenzjoni Unika dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971.

² Il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi hija waħda mill-kummissjonijiet funzjonali tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti (Ecosoc).

³ [Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2004/757/ĠAI](#) tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi.

⁴ Konvenzjoni Unika dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972 li jemenda l-Konvenzjoni Unika dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, konkluża fi New York fit-30 ta' Marzu 1961 (Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, Vol. 520, Nru 7515).

⁵ [Artikolu 3\(2\) TFUE](#).

⁶ Il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali huwa stabbilit [fl-Artikolu 4\(3\) TEU](#).